# REĊENSJONIJIET

**TIFSIR IL-KLIEM. FL-EWWEL KTIEB TA' STEJJER, HREJJEF U KITBA OHRA ta' Sir Temi Zammit. Miktub minn A. Cremona. Malta University Press. 1960.**

I.-hsieb tas-Sur Nin Cremona (il-lum Dr. A. Cremona) dej-jem kien, fuq kollox u qabel kollox, it-tagħlim tat-tfal. Għalihom ħareġ il-grammatka tiegħu, l-aħjar grammatka ta' tagħlim għat-tfal, u għall-kbar ukoll, li għandna bil-Malti. U għalihom issa għamel il-ħsieb li joħroġ dan it-tagħrif fuq l-istejjer u l-ħrejjef ta' Temi Zammit.

Hafna mill-kitba ta' Temi Zammit titħaddet fuq folklore u fuq suġġetti li huma ħafna drabi ta' natura teknika, u għalhekk ma setax jonqos li l-awtur ma jdaħħalx kliem u frażijiet tekniċi. Jien li messni ngħallem dan il-ktieb fil-klassijiet tal-Liċeo, naf biżżejjed kemm it-tfal, u wkoll is-surmastrijiet, isibuha bi tqila biex jifhmu għal kollox ċerti espressjonijiet u ċertu kliem tekni-ku. Dan ix-xogħol iebes ħaffifhulhom is-Sur Nin bil-ktieb ta' tagħrif li għadu kemm ħareġ.

Il-ktieb hu mqassam bis-sengħa kollha b'mod li l-istudenti ma jsibuhiex diffiċli meta jkunu jridu jsibu t-tifsira ta' xi kelma jew frażi. Nirrikkmanda b'qalbi kollha dan il-ktieb, għax inħos-sni żgur li minnu jista' jinkiseb tagħlim kbir, u lis-Sur Nin inħeġ-ġu biex ma jonqosx li jagħtina ktieb ieħor bħal dan ta' tagħrif għal meta joħroġ it-tieni ktieb ta' l-Istejjer u Ħrejjef tal-Profes-sur Temi Zammit. It-tiftix u l-ħedma tiegħu jfissru tagħlim u ġid lill-istudjużi u lill-istudenti tal-Malti.

ġ. c.

---

Bir-raġun kollu **CREMONA** jissejjaħ minna u minn ta' warajna l-kolonna ewlenija ta' Lsienna Art Twelidna.

**ĠUŻÈ CARDONA**



**IL-VENERABBLI ADELAIDE CINI U L-ISTITUT TAGĦ-HA ta' Ġużè Dimech DeBono. Peresso Press, Valletta. — 1960. Paġ. 20.**

Bil-Malti għandna bosta kotba fuq il-ħajja tal-Qaddisin; aktarx li l-bijografija sagra hija l-fergħa l-aktar għammiela tal-letteratura Maltija. Dan ifisser li l-poplu tagħna jħobb jaqra dwar il-ħajja qaddisa ta' nies mogħtija għal Alla. Għalhekk wieħed jistenna li din l-aħħar biċċa xogħol tas-Sur Ġużè Dimech DeBono tingħoġob u tkun milqugħa tajjeb mill-qarrejja. Nistennew dan mhux biss għax is-suġġett jirrigwarda bniedma Maltija bħalna li bil-ħidma, bit-tjubija u bil-qdusija tagħha laħqet il-venerazzjoni ta' l-artal, imma wkoll għall-merti intrinsiċi ta' dan il-ktieb. Madankollu l-awtur huwa garanzija tas-siwi ta' dan il-ktieb.

Is-Sur Dimech DeBono ntefa' bil-ħrara ta' qalbu kollha biex ifakkar u jistgħall lil dawk ulied Malta li b'għamilhom jew bi tjubithom sthoqqu l-qima u r-rispett ta' pajjiżhom; hu biex ngħid hekk, speċjalizza fil-kitba bijografija u dejjem qala' tifħir għal dan ix-xogħol tiegħu.

Dan l-aħħar ktieb jagħti ħjiel u dawl bla tiġbid żejjed fuq il-ħajja tal-għaġeb ta' waħda li nixtiquha u nistennewha tkun magħduda fost il-Qaddisin tas-sema. L-awtur ma jintilifx fuq ħafna rqaqat jew paltitudni iżda jillimita ruħu għal dak li huwa ta' interess jew ta' tagħlim mill-ħajja tal-Venerabbli Adelaide. Imma barra l-ħajja tagħha, l-awtur kiteb ukoll tagħrif interessanti fuq l-istitut u fuq l-opri tagħha u fuq l-isvilupp tagħhom u s-suċċessi li kellhom. Biex ikun kompit minn kollox, dan il-ktieb huwa mżejjen bi stampi sbieħ u stampat tajjeb hekk li jinqara bil gost u bi profitt. Prosit lis-Sur Ġużè Dimech DeBono.

G.

---

*Nizżu ħajr minn qalbna lid-Direzzjoni ta' "It-Torċa" u tat-"Times of Malta" li għaġobhom jisilfuna r-ritratti u lill-kontributuri kollha li bil-kitba tagħhom żejnu dan in-numru li aħna ħriġna b'tifkira ta' għeluq it-80 sena ta' wieħed mill-akbar u mill-egħżeż ħbieb tal-Malti, Dr. A. Cremona, D.Lit. (Hons.).*

---

**NINU CREMONA** jibqa' għal dejjem dawl jiddi sabiħ fil-qalb tal-ġenerazzjoni li tiegħa.

**ĠUŻÈ CHETCUTI**